MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-18 ta' Frar, 2010

Rikors Numru. 512/2009

Speranza **GATT**, flimkien ma' Philip Gatt, Carmel, Joseph, Miriam, Paul, Alexandra u William, kollha aħwa Gatt li, b'degrieti tad-29 ta' Novembru, 1991, tal-24 ta' Settembru, 1992 u tat-3 ta' Novembru, 1993, ġew trasfużi fil-ġudizzju minflok missierhom Ignatius Gatt, li miet fit-2 ta' Jannar, 1991

vs

Avukat Dott. Albert **LIBRERI** u d-Direttur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-27 ta' Mejju, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti talbu li din il-Qorti

tordna r-ritassa fir-rigward tat-taxxa tad-drittijiet u spejjeż ġudizzjarji maħruġa fis-6 u s-26 ta' Frar, 2009, fuq talba tal-intimat l-Avukat Albert Libreri fil-kawżi bin-numri 875/82CFS fl-ismijiet "*Ignazio Gatt vs Żakkarija Calleja*", 994/71CFS fl-ismijiet "*Żakkarija Calleja vs Ignazio Gatt*", 319/70CFS fl-ismijiet "*Ignazio Gatt vs Żakkarija Calleja*" u 883/90(CFS) fl-ismijiet "*Ignatius Gatt vs Franco Fa(c)chetti et*", u dan speċifikatament għall-każ ta' rinunzja ta' patroċinju mill-istess intimat, u biex b'hekk jiġu rispettati l-provvedimenti tal-liġi fir-rigward tat-tassazzjoni tal-kawżi tal-Qrati Superjuri;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Ġunju, 2009, li bih ordnat in-notifika lill-intimati għall-finijiet tal-artikolu 64(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-Tweġiba mressqa fit-18 ta' Ġunju, 2009, li biha l-intimat Avukat Libreri laqa' għat-talba tar-rikorrenti billi, b'mod preliminari, irrileva li ladarba r-rikorrenti ma qanqlu l-ebda lment dwar id-drittijiet taxxati favur il-Prokuratriċi Legali Veronica Rossignaud fl-imsemmija taxxi, dan ifisser li r-rikorrenti kienu għarfu u qagħdu għal dik it-tassazzjoni, u għaldaqstant ma jistgħux jitolbu r-ritassa tad-drittijiet dovuti lilu. Fil-mertu, laqa' billi, filwaqt li ċaħad li huwa kien tħallas għas-servizzi legali li ta lir-rikorrenti, qal li ma jingħatax ir-rimedju tar-ritassa fuq il-bażi jekk l-ammont taxxat ikunx diġa' tħallas jew le, kif ukoll m'huwiex mogħti li wieħed jattakka taxxa fuq l-allegazzjoni tan-nuqqas ta' prestazzjoni xierqa tas-servizzi legali taxxati jew li tali servizzi ngħataw bi tradiment jew b'ingann. Huwa jtenni li kien jedd tiegħu li jiddeċiedi li ma jibqax jidher aktar għar-rikorrenti fil-kawżi li dwarhom talab li jinħarġu t-taxxi impunjati;

Rat li l-intimat Direttur ma ressaq l-ebda Tweġiba, minkejja li kien laqa' n-notifika kif imiss. Permezz tal-avukat tiegħu iddikjara waqt is-smigħ tal-1 ta' Diċembru, 2009[1], li kien joqgħod fuq id-difiżi mressqin mill-intimat l-ieħor fit-Tweġiba tiegħu;

[1] Paġ. 18 tal-proċess

Rat il-provi dokumentali mressqa mill-intimat Avukat Libreri;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors u kif ukoll tal-kawżi li minnhom inħarġu t-taxxi mertu tal-każ;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Jannar, 2010, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal ritassa. Ir-rikorrenti qegħdin jattakkaw erba' (4) taxxi maħruġin mill-intimat Direttur u li kienu mehmużin ma' ittra uffiċjali mibgħuta lilhom mill-intimat Avukat Libreri b'talba għall-ħlas. Ir-rikorrenti jridu jattakkaw is-siwi tal-imsemmija taxxi ġudizzjarji;

Illi, min-naħa tiegħu, l-Avukat intimat jisħaq li t-taxxi huma sewwa u li jistħoqqlu l-ħlas minnu mitlub, u, fuq kollox qal li l-ebda waħda mir-raġunijiet imsemmija mir-rikorrenti ma hija raġuni tajba fil-liġi biex biha wieħed jattakka taxxa ġudizzjarja;

Illi d-Direttur intimat ma qal xejn u lanqas ressaq l-ebda sottomissjoni tul din il-kawża;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-Avukat intimat kien tqabbad minn wieħed Ignazio Gatt, żewġ ir-rikorrenti Speranza Gatt u missier ir-rikorrenti l-oħrajn, biex ikompli jidher għalih f'sensiela ta' kawżi. Uħud minnhom inqatgħu u oħrajn għadhom qegħdin jinstemgħu. L-avukat intimat ħa l-inkarigu minn avukat ieħor, l-Avukat Ugo Mifsud Bonniċi[2], li ma setax ikompli jipprattika l-professjoni ta' avukat minħabba ħatriet pubbliċi li kien

[2] Xhieda ta' Speranza Gatt 12.1.2010, f'paġġ. 26 – 7 tal-proċess

ingħata. Ignazio Gatt miet f'Jannar tal-1991 u r-rikorrenti daħlu minfloku fl-atti tal-imsemmija kawżi. Fil-25 ta' Lulju, 2008[3], l-Avukat intimat ressaq rikors fl-atti ta' kull waħda mill-kawżi li kienu għadhom m'humiex maqtugħa li biha iddikjara li kien qiegħed jieqaf milli jidher aktar bħala avukat fl-interess tar-rikorrenti u li kien qiegħed jitlob biex il-Qorti tawtorizza lid-deputat reġistratur tagħha biex jintaxxalu d-drittijiet tiegħu;

Illi fi Frar tal-2009, l-Avukat intimat talab lir-Reġistratur biex joħroġ taxxa ta' drittijiet u spejjeż f'dawk l-erba' (4) kawżi li kienu għadhom jinstemgħu. Dawn it-taxxi nħarġu lejn l-aħħar ta' Frar tal-istess sena[4]. B'ittra uffiċjali tal-24 ta' April, 2009[5], l-Avukat intimat u l-Prokuratriċi Legali Veronica Rossignaud interpellaw lir-rikorrenti Speranza Gatt u Carmel Gatt biex iħallsuhom tmint elef disa' mija u tnejn u erbgħin euro u ħamsin ċenteżmi (€ 8,942.50) bħala ħlas ta' spejjeż u drittijiet lilhom dovuti skond l-imsemmija taxxi u wkoll bħala Taxxa Dwar il-Valur Miżjud fuq l-imsemmija servizzi. Ir-rikorrenti laqgħu in-notifika tal-imsemmi att ġudizzjarju fid-29 ta' April, 2009. Fis-27 ta' Mejju, 2009, ressqu din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt marbutin mal-każ, jibda biex jingħad li l-ħsieb wara dispożizzjonijiet tal-artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa dak li jirregola waħda mill-funzjonijiet ewlenin tal-uffiċjali eżekuttivi tal-Qorti u li jħares il-jeddijiet ta' min jintlaqat ħażin b'dawk il-funzjonijiet. Fil-każ maħsub fl-artikolu 64, il-liġi tqis il-funzjoni tal-ħruġ ta' taxxi ta' spejjeż u drittijiet ġudizzjarji li, f'għajnejn il-liġi, jikkostitwixxu titolu eżekuttiv[6]. Minħabba li l-ħruġ ta' dawk it-taxxi jikkonsisti f'għamil amministrattiv li, minbarra li jimxi fuq atti tal-Qorti, jimplika fih ukoll ċertu ġudizzju jew diskrezzjoni tar-reġistratur, huwa xieraq li jingħata r-rimedju lil min iħoss li dak il-ġudizzju jew diskrezzjoni ma jkunux saru kif imiss;

---

[3] F'paġ.18 (spoll) tal-atti tal-kawża 319/70LFS, f'paġ. 27 (spoll) tal-atti tal-kawża 994/71LFS; f'paġ. 260 tal-atti tal-kawża 883/90LFS; u f'paġ. 19(spoll) tal-atti tal-kawża 875/82LFS
[4] Dokti f'paġġ. 5 – 8 tal-proċess
[5] Dok f'paġ. 4 tal-proċess
[6] Art. 253 (ċ) tal-Kap 12

Illi huwa f'dan id-dawl li jrid jitqies ukoll li r-raġuni biex wieħed jattakka l-ħruġ ta' taxxa trid tkun waħda serja u mhux mibnija biss fuq nuqqas ta' qbil tal-persuna milquta. Huwa għalhekk ukoll li l-liġi tagħti żmien perentorju ta' xahar li fih taxxa bħal dik tista' tkun attakkata. Bħalma jiġri fil-każ ta' sentenzi tal-qrati jew titoli eżekuttivi oħrajn, huwa meħtieġ li tinħoloq iċ-ċertezza u li tali ċertezza ma tkunx tiddependi mill-kapriċċ fieragħ tal-parti milquta jew minn tul indeterminat ta' żmien li jaf ikun ta' ħsara akbar, l-aktar meta wieħed ikun irid jeżegwixxi titolu bħal dak;

Illi għalhekk, il-proċedura maħsuba biex wieħed jattakka taxxa ġudizzjarja għandha titqies bħala waħda speċjali li tirnexxi biss fejn u jekk kemm-il darba jintwera li jkun hemm iċ-ċirkostanzi xierqa li jwasslu lill-Qorti biex tordna lir-Reġistratur jerġa' jwettaq sewwa l-funzjoni tiegħu[7]. Għall-kuntrarju ta' sentenza jew degriet, it-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji m'hijiex att tal-Qorti, imma att tar-Reġistratur[8]. Bħala tali, l-azzjoni maħsuba biex tattakka taxxa bħal dik tista' titqies bħala waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju fejn il-Qorti tgħarbel il-kriterji mħaddma mir-Reġistratur u tqishom fid-dawl tal-liġi fis-seħħ bla ma tgħaddi hi biex twettaq dik il-funzjoni[9]. Huwa għalhekk li f'każ fejn parti jseħħilha turi raġunijiet tajba biex twaqqa' taxxa ġudizzjarja maħruġa mir-Reġistratur, il-Qorti tagħti ordni lill-istess Reġistratur biex jagħmel dik it-taxxa mill-ġdid;

Illi llum il-ġurnata huwa aċċettat ukoll li taxxa tista' tinħareġ u tkun suġġetta għall-imsemmija proċedura mhux biss meta l-kawża li fl-atti tagħha tkun inħarġet tali taxxa tkun inqatgħet, imma wkoll meta l-kawża tkun għadha qiegħda tinstema', u tkun intalbet għall-finijiet tal-intaxxar tad-dritt dovut lil avukat li jkun irid jirrinunzja għall-patroċinju ta' xi waħda mill-partijiet jew ikun intalab iħalli tali patroċinju[10]. Il-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum jirrigwarda taxxi maħruġa f'ċirkostanzi bħal din, għalkemm

---

[7] App. Ċiv. **4.2.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ noe vs Aġent Reġistratur tal-Qrati et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.34**)
[8] P.A. **23.2.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Salomone*** (Kollez. Vol: **XLIV.ii.536**)
[9] App. Ċiv. **29.5.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Aldo Laferla et vs Francis Scicluna et*** (mhix pubblikata)
[10] App. Ċiv. **6.10.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***St. George's Park Co Ltd vs Dr Hugh Peralta et***

fis-sewwa r-rikorrenti jisħqu li lill-Avukat intimat huma qatt ma talbuh jitlaq il-patroċinju tiegħu minn magħhom;

Illi, f'dan il-każ, ir-rikorrenti jistrieħu fuq ħames raġunijiet biex jitolbu li din il-Qorti tordna lir-Reġistratur jerġa' jagħmel mill-ġdid l-erba' taxxi li huma ntalbu jħallsu mill-Avukat intimat: (i) l-ewwel raġuni hija li "l-konvenuti (*sic*) diġa' tħallsu għas-servizzi tagħhom"; (ii) li s-somom hekk imħallsa għandhom jitnaqqsu mit-total impost fit-taxxi relativi; (iii) ladarba kien l-Avukat intimat li, minn rajh u bla ebda raġuni tajba fil-liġi fettillu li jitlaq il-patroċinju tar-rikorrenti, tali "inoltranza għandha tiġi riflessa fit-taxxa maħruġa fil-konfront tar-rikorrenti"; (iv) tul il-medda taż-żmien waqt is-smigħ tal-kawżi, r-rikorrenti kienu ntebhu b'numru ta' irregolaritajiet li, minkejja li ġibdu l-attenzjoni tal-Avukat intimat dwarhom, huwa naqas li jieħu l-passi meħtieġa biex iħares l-interessi tagħhom fl-istess kawżi; u (v) billi huma jemmnu li kull taxxa ppreżentata lilhom "ma hijiex ġustifikata stante li jħossuhom ittraduti u ngannati bil-komportament tal-Avukat" intimat;

Illi fil-fehma tal-Qorti, l-ebda waħda mill-ħames kawżali msemmija mir-rikorrenti ma hija raġuni tajba biżżejjed biex tattakka t-taxxi ġudizzjarji maħruġin mid-Direttur intimat fuq it-talba tal-Avukat intimat. Jidher li r-rikorrenti naqsu li jagħrfu d-differenza bejn il-proċess tal-likwidazzjoni tal-ammont taxxat u l-eżistenza tal-kreditu jew tad-dritt li jnissel dak il-kreditu[11]. L-azzjoni tal-lum hija waħda taħt l-artikolu 64 tal-Kodiċi tal-Proċedura u tajjeb li jingħad li azzjoni bħal dik m'għandhiex titħallat ma' waħda fejn parti tipprova żżomm l-esekuzzjoni ta' titolu esekuttiv. Jista' jkun li r-raġunijiet miġjuba 'l quddiem mir-rikorrenti jkunu jiswew f'xi għamla oħra ta' proċedura bħal dik, imma qajla huma ta' fejda fi proċedura maħsuba biss biex tara li t-taxxi ġudizzjarji jinħarġu kif imiss fuq il-kriterji maħsuba mil-liġi;

Illi kif tajjeb jissottometti l-Avukat intimat, il-kwestjonijiet dwar jekk ir-rikorrenti hux diġa' ħallsuh id-drittijiet taxxati (ħaġa li huwa jiċħad bil-qawwa kollha) jew jekk xogħlu

[11] P.A. **22.2.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Feliċe vs Apap Bologna et*** (Kollez. Vol: **XLIV.ii.533**)

magħhom fl-imsemmija kawżi wettqux kif jitolbu r-regoli tal-professjoni ma jistgħu bl-ebda mod jaslu biex iwaqqgħu taxxa ġudizzjarja jekk kemm-il darba din tkun inħadmet minn dak li joħroġ mill-atti tal-kawża. Il-Qorti fliet kull waħda mit-taxxi impunjati mir-rikorrenti u qabblithom mal-atti tal-kawżi li għalihom jirreferu u sabet li kull ma' jissemma f'kull waħda mill-imsemmija taxxi jikkorrispondi mal-atti fir-rispettivi proċessi. Fejn kien il-każ, imbagħad, li jinħadem id-dritt tal-avukat (u tal-Prokuratriċi Legali) fuq il-valur tal-kawżi, dan inbena wkoll fuq att ġudizzjarju[12] (għalkemm unilaterali min-naħa tal-istess Avukat intimat, imma msejjes jew fuq dokument bankarju[13] jew fuq att ġudizzjarju ieħor[14] li jindika l-valur maħsub), li jaqbel mad-dritt maħsub fit-Tariffa relattiva. Ir-rikorrenti fl-ebda waqt ma jilmintaw minn tali tassazzjoni "*ad valorem*";

Illi fl-ebda waqt matul it-trattazzjoni tal-każ ma ntwera mir-rikorrenti li huma kienu b'xi mod qegħdin jattakkaw il-kriterji wżati mid-Direttur intimat (jew mir-rappreżentant tiegħu imqabbad biex joħroġ it-taxxi) fil-ħruġ tal-imsemmija taxxi. Minn dan kollu l-Qorti tasal għall-fehma li l-għan waħdieni tar-rikorrenti kien dak li jżommu lill-Avukat intimat milli jista' jesegwixxi l-imsemmija taxxi u mhux li fit-tfassil innifsu tat-taxxi kien hemm xi ħaġa li tmur konta d-dettami tal-liġi. Kif diġa' ngħad, dak l-għan tar-rikorrenti mhux postu fi proċedura bħal din;

Illi fl-aħħarnett tajjeb li jingħad ukoll li għalkemm l-imsemmija taxxi jirrigwardaw id-drittijiet taxxati tal-Prokuratriċi Legali Rossignaud, ir-rikorrenti ma mexxewx kontra tagħha wkoll. Kif allura tajjeb jgħid l-Avukat intimat, dan ifisser li r-rikorrenti ma ressqux ilment kontra d-drittijiet taxxati lil dik il-Prokuratriċi Legali. Dan allura jġib l-effett ukoll li ladarba d-dritt taxxat lill-imsemmija Prokuratriċi jinbena fuq id-dritt taxxat lill-Avukat, allura r-rikorrenti m'għandhomx raġun jattakkaw biss l-imsemmija taxxi in kwantu jirreferu biss għad-drittijiet taxxati lilu. Dan l-argument tal-intimat għandu mis-sewwa għaliex hija

[12] Dokti "AL2" u "AL4", f'paġġ. 20 u 23 tal-proċess
[13] Dok "AL3", f'paġġ. 21 – 2 tal-proċess
[14] Dok "AL5", f'paġġ. 24 – 5 tal-proċess

regola aċċettata li, fi proċedura bħalma hija dik tal-lum, għandhom jagħmlu parti dawk kollha interessati, magħduda magħhom dawk li fuq talba jew favur tagħhom ikunu nħarġu t-taxxi ġudizzjarji impunjati[15]

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, l-Qorti ssib li ma ngħatat l-ebda raġuni tajba biex tordna lid-Direttur intimat jerġa' jfassal taxxi ġudizzjarji oħrajn mill-ġdid jew li fit-taxxi kif minnu maħruġa kien hemm xi ħaġa li ma toqgħodx mal-kriterji stabiliti mit-Tariffi li jgħoddu għall-każ;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad it-talba tar-rikorrenti**, bl-ispejjeż kontra tagħhom, billi ma jeżistux ir-raġunijiet fil-liġi biex il-Qorti tordna lid-Direttur intimat biex jerġa' joħroġ taxxi ġudizzjarji ġodda minflok dawk minnu maħruġin fuq talba tal-Avukat intimat.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[15] P.A. **12.2.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Falzon noe vs Vella noe et*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.222**)